**Xogħlijiet Marjani mill-pinna ta' Mro Angelo Pace**
**(I) L-Antifona 'Assumpta Est Maria'**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

'Assumpta Est Maria' huwa l-isem ta' waħda mill-antifoni tas-surmast Gudjan, Mro Angelo Pace (1920-2003). Dil-ġawhra t'antifona hija sinonima mal-festa ta' Marija Assunta li tiġi ċċelebrata f'dar-raħal zgħir u antik. Għaldaqsant ikun xieraq li nitkellmu fuqha bil-għan li dal-wirt mużikali li ħallielna Pace ma jintilifx, anzi li jkompli jintiret mill-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum u t'għada. Pace twieled, trabba u għex fil-Gudja, fejn il-kult Marjan kien u għadu qawwi ħafna, u għalhekk ma jistax jonqos li mill-pinna tiegħu ma joħorġux għadd t'innijiet devozzjonali f'ġieħ il-Madonna taħt uħud mid-diversi denominazzjonijiet li bihom hija mżejna: tal-Assunta, tar-Rużarju, tal-Warda, tal-Konsolazzjoni (taċ-Ċintura). U biex dal-artiklu jkun aktar imżewwaq se nibdieh billi nsemmi għidut ħelu marbut mal-Gudja. Nieħu dil-okkażjoni biex niżżi ħajr lil Mro Stefan Caruana talli għoġbu jgħaddili kopja elettronika tal-partitura mqassra tal-antifona biex stajt ninseġ dal-artiklu.

Kliem muftieħ: Gudja, Bir Miftuħ, Antifona, Assumpta Est Maria, Mro Angelo Pace, Għaqda Mużikali Marija Assunta

**Leġġenda Gudjana**: Fiż-żmien Nofsani, ir-raħal tal-Gudja kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ, bit-titular tal-parroċċa ddedikat 'il Sta Marija. U peress li l-gżejjer tagħna kienu jiġu spiss attakkati mill-furbani, in-nies tal-inħawi qatgħetha li taħbi l-ftit teżori u rikkezzi li dil-knisja kienet mogħnija bihom, fosthom il-qniepen. Jgħidu li dal-oġġetti prezzjużi kienu nħbew f'xi bir fil-qrib, iżda meta għadda ftit taż-żmien, ħadd ma seta' jiftakar fejn kien eżatt dal-post. Min ħbiehom aktarx li kien safa lsir, bil-konsegwenza li baqgħu qatt ma nstabu sal-ġurnata tal-lum.



Santa ferm sabiħa tal-Assunta

**Xi tkun antifona?**: Hija silta qasira aktarx mill-Bibbja użata biex titgħanna waqt xi funzjoni liturġika. Għall-bidu kien jitħaddem il-kant Gregorjan, u kompożituri li ġew wara l-perjodu Nofsani bdew jimmużikawha fl-istil kontemporanju tagħhom. Il-motett[1] għal ħames vuċijiet 'Assumpta Est Maria' (1603) ta' Carlo Gesualdo (1560-1613), u l-ieħor bl-istess isem (1605) għal sitt vuċijiet ta' William Byrd (1539-1623), kif ukoll il-'Missa Assumpta Est in cælum' (c.1555) għal sitt vuċijiet ta' Giovanni Perluigi da Palestina (1525-94) – ibbażata fuq motett tiegħu stess bl-istess isem – huma biss ftit mill-eżempji sbieħ li juru kemm il-kompożituri, speċjalment dawk taż-żmien il-Medjuevu u r-Rinaxximent, kellhom għal qalbhom dil-antifona. Iżda dan ma jfissirx li din ma baqgħetx tiġi mmużikata minn kompożituri oħrajn li ġew warajhom: Marc-Antoine Charpentier (1643-1704), kompożitur Barokk, ukoll kiteb quddiesa sabiħa f'ġieħha fl-1699. L-Antifona 'Assumpta Est Maria' li se nitkellmu fuqha f'dal-artiklu nkitbet minn Mro Angelo Pace fl-1995[2] għall-parroċċa arċipretali u arċimatriċi tal-Gudja, iddedikata 'l-Madonna Imtellgħa s-Sema.

**Profil bijografiku**: Mro Angelo Pace (20.iii.1920-26.viii.2003), twieled il-Gudja minn Ġużeppi u Ġużeppa Barbara. Studja taħt is-surmastrijiet Vinċenzu Costa (?-?) u Ġużeppi Casapinta (1897-1971). Pace kellu karriera sabiħa mal-baned Maltin: bejn l-1944-6 kien imexxi 'l-Għaqda Mużikali

[1] Biċċa mużika korali *a cappella* fi stil polifoniku. Kien jintuża l-aktar fil-knisja ħabta seklu tlettax, bla ma jifforma parti mil-liturġija.
[2] Grazio Anton Attard: 'Mużiċisti, Kompożituri Għawdxin, Maltin, u Barranin' (Għawdex, 2006), p. 49.

'San Leonardu' ta' Ħal Kirkop; lis-Soċjetà Filarmonica 'La Stella' tal-Gudja (1946-98); lis-Soċjetà Filarmonica 'La Stella' tar-Rabat, Għawdex (1956-8); lis-Soċjetà Filarmonica 'Maria Mater Gratiæ' ta' Ħaż-Żabbar (1981-5). Kien ukoll assistent-surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'L-Unjoni' ta' Ħal Luqa fi żmien Mro Joseph Abela Scolaro (1910-79); tal-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla fi żmien Mro Abel J. Mizzi (1924-2018).



Mro. Pace (1920-2003)

Pace kien ukoll wieħed minn sitt surmastrijiet li dderiġew il-Banda Nazzjonali ta' Malta waqt kunċert vokali u strumentali tal-Passjoni li ttella' fir-Radio City Opera House, il-Ħamrun, is-Sibt, 6 t'April, 1957. Dal-kunċert, organizzat mill-Malta Band Clubs Association (illum l-Għaqda Każini tal-Banda [GĦKB]), flimkien mar-Rediffusion (Malta) Ltd., kien sar fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Il-kunċert kien taħt il-patroċinju distint tal-E.T. Mons. Sir Mikiel Gonzi, Arċisqof Metropolita ta' Malta, patrun tal-istess Għaqda. Pace kien imissu t-tielet wieħed fl-ewwel parti tal-programm, fejn idderieġa l-Eleġija 'Sul Calvario'[3] ta' Mro Carmelo Abela Scolaro (1850-1918), filwaqt li fit-tieni parti, ukoll it-tielet wieħed, ħabbat is-'Salve Regina'[4], kompożizzjoni tiegħu stess, bis-Sopran Hilda Tabone (1932-78) bħala solista u l-Ħamrun Choir[5] taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia (1921-2001).



Il-Ħamrun Choir jidhru jkantaw bil-badge l-ġdida. Magħhom jidhru wkoll xi bandisti mill-Banda Nazzjonali Maltija waqt il-Kunċert tal-Passjoni fir-Radio City Opera House fis-6 t'April, 1957

Fl-istess serata wkoll, Mro Adeodato Gatt (1898-1966) idderieġa biċċtejn xogħol tiegħu stess: l-'Ave Maria' u 'In Sepulcrum', eleġija f'żewġ movimenti. Min-naħa tiegħu, Mro Joseph Mary Bilocca (1914-2018) kien idderieġa r-'Recordare' ta' Mro Pietru Pawl Bugeja (1761-1828). Interessanti l-fatt, li fl-istess serata ħa sehem wkoll is-surmast magħruf Ingliż, Mro Dr Clarence Raybould (1886-1972), li min-naħa tiegħu, bħala gran final, idderieġa id-'Dies Irae' ta' Mro Carlo Diacono (1876-1942), bi strumentazzjoni għall-banda ta' Mro Vinċenzu Ciappara (1890-1979), bis-sehem ukoll tas-Sopran Hilda Tabone, it-Tenur Joseph Farrugia, il-Baritnu J. Bezzina, u l-Ħamrun Choir. Il-programm kien ġie rrekordjat u trasmess fuq ir-Rediffusion.

Pace kiteb għexieren kbar ta' marċi brijużi, funebri u sinfoniċi, kif ukoll overturi u arranġamenti mużikali għall-baned imsemmija. Fil-qasam iktar serju kkompona bċejjeċ għall-pjanu, l-orgni, il-vjolin, għall-kwartett tal-korda u l-orkestra. Kiteb saħansitra kanzunetti. Iżda l-aktar li jinteressana hawnhekk hu l-għadd sabiħ ta' mużika sagra li huwa kiteb, ħafna minnhom iddedikati 'l-Madonna. Pace twieled, trabba u għex fir-raħal tal-Gudja, fejn jiġu ċċelebrati għadd ta' festi f'ġieħha, fosthom dik tal-Assunta (titulari), u allura ma setax jonqos li ma jkollux devozzjoni u mħabba lejha. Hawn taħt hija tabella (mhix eżawrita) li turi wħud mill-innijiet, antifoni, u quddisiet li ħarġu mill-pinna tiegħu:

| Data | Isem | Ġeneru | Versi |
|---|---|---|---|
| | | | |

[3] Skont l-iStaff Reporter tat-Times of Malta ta' ?: 'This was splendidly directed by Mro A. Pace'.

[4] Skont l-istess artiklu li deher fit-Times of Malta: The item was conducted by the composer himself in a manner meriting the applause of the audience.'

[5] Skont id-djarista tal-Ħamrun Choir: 'F'dal-kunċert, il-kor ħa parti attiva wisq aktar minn dik tas-sena l-oħra'. Hu jżid jgħid ukoll li dakinhar il-kor kien deher ikanta għall-ewwel darba bil-badge uffiċjali.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1954 | Tislima lil Maria SS. Tar-Rużarju | Innu | |
| 1957 | Salve Regina[6] | Innu | |
| 1976 | Salve Maria Salve | Innu | |
| 1982 | Jum l-Assunta | Innu-marċ | Angelo Pace |
| 1995 | Assumpta Est Maria | Antifona | |
| 1997 | Ġmiel ir-Rużarju | Innu | |
| 1998 | Lil S. Marija | Innu | |
| 1998 | Santa Maria | Innu Popolari | Marlene Mangion[7] |
| ? | Ave Maris Stella | Antifona | |
| | Beata Mater | Antifona | |
| | Reġina Pacis | Quddiesa | |
| | Missa Assumptionis | Quddiesa | |



Partitura għall-orgni u l-kant tal-Antifona 'Assumpta Est Maria' (1995)

Bħala organiku, l-Antifona 'Assumpta Est Maria' in Fa Maġġuri ta' Mro Angelo Pace nktibet fl-1995 għall-Kor fl-unisonu u orkestra tal-knisja. Kif mistenni, it-temp tagħha huwa maestuż, b'erba' kwarti kull battuta bħala sinjal ta' miżura. Għall-kuntrarju t'antifoni oħrajn, m'hemmx is-soltu arja (jew arjetta) min-naħa tas-solista maskili fil-parti fustanija, li ġeneralment titgħanna minn xi Tenur, Baritnu jew Baxx, jew tnejn minnhom flimkien f'nisġa kontrapuntali. Minn kif inhu x-xogħol mhux bilfors li jikkwalifika bħala antifona kif nafuha aħna, kemm f'dik li hi forma, kif ukoll għax huwa wisq qsajjar.

Mad-daqqa t'għajn, taħsibha għandha forma ternarja miż-żgħar, fis-sena li tkun mqassma fi tliet partijiet ABA. Dan għaliex, fl-ewwel u t-tielet parti (A) insibu l-istess tema ewlenija, li f'dal-każ m'hemmx ħliefha. Iżda meta tifli x-xogħol sew issib li għandha biss żewġ taqsimijiet, it-tnejn replikati, u bit-tieni waħda ħafn'itwal, fil-forma *rounded binary*, fejn fiha nerġgħu nsibu l-istess materjal li kellna fl-ewwel parti. Fir-repertorju mużikali ta' kompożituri Maltin ġieli niltaqgħu m'antifoni ta' dix-xeħta, fosthom waħda li ħdimt fuqha żgur, l-'Antifona per S. Giuliano' (1902) ta' Mro Alberto Vella (1866-1931). Iżda kif se naraw, filwaqt li l-ewwel parti tinkludi biss it-tema prinċipali li biha tibqa' tingħaraf kull antifona, mhux l-istess jista' jingħad għat-tieni waħda. Dan peress li din tinkludi l-passaġġ tan-nofs, jerġa' t-tema tal-bidu, u passaġġ żieda, li huwa l-estenzjoni jew it-tkomplija tat-tema ewlenija. Hawn taħt qed inġib tabella ta' kif inhi mqassma f'battuti l-Antifona 'Assumpta Est Maria' ta' Pace:

| Taqsima | Battuti | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | | |
| A | 01-02 | Introduzzjoni |
| | 03-10 | Tema (Parti a) |
| B | 11-$18^{3}$ | Episodju |
| | $18^{4}$-20 | Ħolqa |
| | 21-$28^{3}$ | Tema (Parti a) |
| | $28^{4}$-36 [37] | Tema (Parti b) |

[6] Dik li ndaqqet waqt il-kunċert tal-Passjoni fir-Radio City Opera House fl-1957.
[7] Hija wkoll l-awtriċi tal-Innu lill-Madonna 'Taċ-Ċintura'.

**Taqsima A**: Introduzzjoni (b. 01-02): Bħal kull tista' tgħid xogħol ieħor, biċċa mużika jkollha dejjem introduzzjoni biex ittina ħjiel ta' xi jkun ġej wara. Ħafna drabi dan tagħmlu billi ddewwaqna tarf ċkejken mit-tema ewlenija, li permezz tiegħu għandna mnejn naqgħtu x'tip ta' karattru għandha, li fil-każ tagħna huwa wieħed ferrieħi, li jirrifletti sew il-ferħ lejn Marija Mtellgħa s-Sema. Dil-introduzzjoni ta' żewġ battuti hija maqsuma fi tnejn, bl-ewwel waħda tieħu mill-ewwel battuta li nsibu fit-tema, u bit-tieni waħda mhix ħlief l-akkumpanjament li fuqu se tkun qed timxi l-ewwel parti. Kif għidna wkoll, l-intenzjoni tal-introduzzjoni hi li tistabbilixxi t-tonalità (jew lewn partikolari) u t-temp, kif ukoll il-volum fl-ewwel parti, fil-każ tagħna mmarkata li trid tindaqq *mezzo forte* – la bil-mod u lanqas qawwi.

**Tema (Parti a)** (b. 03-10): Dil-parti tikkostitwixxi l-ewwel replika li fiha t-tema tindaqq darbtejn, filwaqt li tirrepeti l-erbat ivrus tal-antifona: *Assumpta Est Maria* / *Assumpta Est In Coelum* / *Gaudent Angeli* / *Et Benedicunt Dominum,* imqassmin f'sentenza waħda ta' bis-soltu tmien battuti. Fl-ewwel frażi, il-melodija ddur pjuttost fuqha nnifisha, bit-tieni żewġ battuti joħolqu sekwenza, peress ukoll li l-ewwel żewġ versi jibdew bl-istess mod: *Assumpta Est.* Fit-tieni frażi mbagħad, il-melodija għal waqt wieħed titla' ftit 'il fuq mal-kelma *angeli*, ma fis terġa' tinżel imtarrġa 'l isfel fi grupp kadanzjali aħħari, sa ma tmiss l-istess nota li tkun bdiet biha. F'dil-ewwel parti l-armonija hija waħda pura u dijatonika, ħlief għall-kisra żgħira fin-nofs, fejn bi ħlewwa liema bħalha, tibdel lewnha biex bħallikieku tiddeskrivi 'l-anġli qegħdin ittellgħu 'l Verġni Marija għat-tgawdija smewwija. (Eż. 1):

**Taqsima B**: Episodju (b. 11-$18^{3}$): Dit-taqsima, għall-kuntrarju ta' xi antifoni oħrajn, tibda b'dak li jiena qed insejjaħlu episodju peress li dal-passaġġ ma jġorr l-ebda materjal tematiku. Is-soltu, dit-taqsima tlaqqagħna dejjem ma' xi tema ġdida u kuntrastanti biex l-antifona ma taqax f'monotonija monotematika. Dil-parti fustanija hija normalment intiża wkoll biex toffri passaġġ pjuttost mirqum li jpaxxi 'l widna ta' dak li jkun bil-ħlewwa devota, u fl-istess ħin jesebixxi l-ħila operistika tal-interpretatur/i. Ġeneralment ukoll, dil-parti tnaqqas mit-temp tagħha għal aktar ġabra, u miegħu jinżel ukoll il-volum. Imma fil-każ tagħna jiġri bil-kontra għax dan jiżdied għal *forte*. Mużikalment, li jiġri hawnhekk huwa, li l-orkestra tagħmel l-ewwel stqarrija mużikali (b. 11-$12^{3}$), li tiġi mill-ewwel imwieġba mill-kor bħal f'eku (b. $12^{4}$-14). Hija tagħmel l-istess ħaġa t-tieni darba (b. 15-$16^{3}$), imma fi grad ogħla, u bil-kor jirrispondi bl-istess mod (b. $16^{4}$-$18^{3}$). Daż-żewġ stqarrijiet bl-eku magħhom jindaqqu bħal f'sekwenza, xi ħaġa li spiss insibuha fil-mużika Barokka. Iżda mhux biss, għax il-parti strumentali hija wkoll armonizzata, filwaqt li dik korali hija monofonika għax tindaqq fl-unisonu. Aktar minn hekk, l-armonizzazzjoni orkestrali tinkludi akkordju partikolari magħruf bħala s-sesta Franċiża, li fih innifsu joħloq ċertu kromatiċiżmu, lil hinn mit-tonalità li qegħdin fiha. (Eż. 2):

**Ħolqa** (b. $18^{4}$-20): Isimha magħha, għax tgħaqqad f’katina ’l-episodju mat-tema ewlenija li kellna fl-ewwel parti. Dil-ħolqa għandha mill-istess tul tal-introduzzjoni, u li fil-verità tista’ tittieħed bħala waħda hekk peress li warajha naraw il-miġja mill-ġdid tat-tema ewlenija li kellna fl-ewwel taqsima. Infatti, hija strutturata bl-istess mod tal-introduzzjoni, fejn ir-rwoli tal-battuti fiż-żewġt istanzi huma identiċi: il-waħda b’element tematiku u l-oħra toffri sempliċiment akkumpanjament.



Il-Kor parrokkjali Gudjan 'Assumpta Est’ A.D. 1985 taħt it-tmexxija ta’ Mro. Stefan Caruana waqt il-festa titulari

**Tema (parti a)** (b. 21-$28^{3}$): Dil-parti hija mużikalment l-istess f’kollox bħall-ewwel taqsima, u li titgħanna fuq l-istess versi, u li għaldaqstant m’hemmx x’wieħed iżid ma’ dak li ġa għidna qabel. Biss, mill-passaġġ li jiġi eżatt warajha, insiru nafu li din hi biss l-ewwel parti ta’ sentenza itwal ta’ 16-il battuta.

**Tema (parti b)** (b. $28^{4}$-36 [37]): Dil-parti bħal donnha għandha rwol doppju: li sservi ta’ tkomplija għall-ewwel waħda, u fl-istess ħin bħala *coda*, kif ġeneralment jispiċċaw l-antifoni kollha. Iżda f’dal-każ, it-temp fir-replika tat-tieni parti f’dit-taqsima, minflok jaċċelera bħalma s-soltu jiġri, it-tradizzjoni lokali donnha tiddetta (anki forsi fuq xewqa tal-kompożitur stess), li waqt l-eżekuzzjoni tagħha, inaqqas minn ġirjietu biex joħloq sens ta’ final grandjuż. Mhux biss, iżda fl-ewwel darba dil-parti titgħanna kemm kemm tinstema’, u fit-tieni darba l-ilħna jitgħollew, speċjalment fit-tliet alleluljiet tal-aħħar. Strutturalment, dis-sentenza tinqasam f’żewġ frażijiet daqsinsew, bit-tnejn jibdew *in aria*, fejn it-tieni waħda mhix għajr kważi replika tal-oħra, u li bejniethom joħolqu żewġ gruppi kadenzjali li permezz tagħhom tagħlaq il-mużika. (Eż. 3):

Dal-artiklu qed jitwassal ’il-qarrejja Gudjani fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ Marija Assunta li ta’ kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Gudja.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)